

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2019 – Il-Pajjiżi l-Baxxi et vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-760/15 u T-636/16) <sup>(1)</sup>**

**(“Għajjnuna mill-Istat – Għajjnuna implimentata mill-Pajjiżi l-Baxxi – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern u illegali u li tordna l-irkupru tagħha – Deċiżjoni tat-taxxa bil-quddiem (tax ruling) – Prezz ta' trasferiment – Kalkolu tal-bażi taxxabbli – Prinċipju ta' distakkament – Vantaġġ – Sistema ta' referenza – Awtonomija fiskali u proċedurali tal-Istati Membri”)**

(2019/C 413/47)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż u l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti fil-Kawża T-760/15: Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: inizjalment M. Bulterman, B. Koopman, M. de Ree u M. Noort, sussegwentement M. Bulterman, M. de Ree u M. Noort, aġenti)

Rikorrenti fil-Kawża T-636/16: Starbucks Corp. (Seattle, Washington, l-Istati Uniti), Starbucks Manufacturing Emea BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: S. Verschuur, M. Petite u M. Stroungi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropa (rappreżentanti fil-Kawża T-760/15: inizjalment P.-J. Loewenthal u B. Stromsky, sussegwentement P.-J. Loewenthal u F. Tomat, aġenti, u, fil-Kawża T-636/16: P.-J. Loewenthal u F. Tomat, aġenti)

Intervenjent insostenn tar-rikorrenti fil-Kawża T-760/15: L-Irlanda (rappreżentanti: inizjalment E. Creedon, G. Hodge, K. Duggan u A. Joyce, sussegwentement G. Hodge, A. Joyce, K. Duggan, M. Browne u J. Quaney, aġenti, assistiti minn M. Collins, P. Gallagher, SC, u B. Doherty u S. Kingston, barristers)

**Suġġett**

Talbiet ibbażati fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiżi għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/502 tal-21 ta' Ottubru 2015 dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.38374 (2014/C ex 2014/NN) implimentata min-Netherlands għal Starbucks (ĠU 2017, L 83, p. 38).

**Dispożittiv**

- 1) Il-Kawżi T-760/15 u T-636/16 huma magħquda għall-finijiet ta' din is-sentenza.
- 2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/502 tal-21 ta' Ottubru 2015 dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.38374 (2014/C ex 2014/NN) implimentata min-Netherlands għal Starbucks hija annullata.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ta' Starbucks Corp. u ta' Starbucks Manufacturing Emea BV.
- 4) L-Irlanda għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 59, 15.2.2016.